# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH.

Nru. 114 FRAR, 1949. Nru. 114


## Prezzijiet tal-prodotti tal-Biedja

(ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja)

**HIJA ħaġa magħrufa minn kulħadd illi l-kontroll tal-prezzijiet tal-Biedja ma hix ħaġa hekk faċli daqskemm wieħed jaħsibha. L-oġġett huwa minnu nnifsu suġġett għal kull tibdila ta' tempijiet li jgħaddu minn fuqna. Ma jistax jinħażen bħal ma jista' jinħażen kull oġġett ieħor u jvarja ta' spiss fil-kwantitajiet li jkun hawn disponibbli u fil-varjetajiet.**

B'danakollu, wara l-esperjenza li kellna minn kemm ilna ngħixu fl-iskarsizza, ma jidhrilniex li dana l-kontroll huwa għal kollox impossibli, anzi naħsbu li bil-għajnuna ta' kull min huwa interessat f'din il-ħaġa, ir-regolamenti ġodda li ħarġu f'Jannar li għadda, jistgħu jiswew ta' ġid kemm lill-bdiewa u lill-bejjiegħa kif ukoll lill-konsumaturi.

Il-qligħ li ġie mogħti lil-bejjiegħa tal-ħaxix huwa magħdud bħala qligħ xieraq sabiex din is-sezzjoni tal-poplu tista' taqla' l-ħobża tagħha onestament u mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jirrikorru għall-"black-market" jew ħabi ieħor. Biex ma jsirx taħwid id-Dipartiment tal-Biedja qiegħed kull ġimgħa jqassam formoli lil tal-ħaxix, stampati kollha bħal xulxin sabiex fuqhom jiġi miktub ċar u li jinqara l-prezz ta' kull oġġett li l-bejjiegħ ikollu għall-bejgħ. Il-prezz jinkiteb minn tal-ħaxix stess skond il-prezz li jkun xtara b'żjieda tal-qligħ li jagħtih il-Gvern.

**Biex jimxi kollox bir-reqqa l-Ispetturi tad-Dipartiment tal-Biedja, kif ukoll kull membru tal-pulizija, huma awtorizzati li jaraw il-karta tax-xiri li jeħtieġ ikollu fuqu tal-ħaxix u jagħarblu jekk il-prezz li jkun hemm imniżżel fuq il-lista tal-prezzijiet ikunx eżatt.**

Is-sistema li kien jaħdem qabel u li taħtu l-prezzijiet kienu jiġu ffissati mill-Ħamis tal-ġimgħa ta' qabel, instab li ma kien qiegħed jaqdi lil ħadd. Il-konsumatur ma gawda qatt meta l-prezzijiet kienu jitbaxxew minħabba l-kwantità, jew minħabba l-kwalità, il-għaliex tal-ħaxix kienu jappellaw li l-prezz tagħhom huwa dak li kien ġie ffissat mill-Gvern. Meta, għal kuntrarju, l-oġġett kien jiskarsa xi ftit, malajr kont taraħ igħib minn fuq il-karrettuni u mill-ħwienet u jitqassam, baxx baxx, għand dawk li jistgħu jħallsu.

**Issa ma jkunx hemm għalfejn isiru dawn il-maniġġi l-għaliex tal-ħaxix, ikun kemm ikun il-prezz tal-prodotti li jkollu għall-bejgħ, għandu l-qligħ tiegħu stabbilit. Il-produttur jieħu li ħaqqu u l-konsumatur iħallas skond il-prezz ġust li jkun jiflaħ is-suq.**

Aħna nifhmu li dan is-sistema ġdid irid xi ftit taż-żmien biex jibda jaħdem sewwa, iżda ma għandniex għalfejn naħsbu li ma għandux jirnexxi. Il-pubbliku jista' wkoll igħin għas-suċċess tas-sistema billi ma jaċċettax qatt li jħallas prezz ogħla minn dak li jkun imniżżel fuq il-lista.

**Huwa mistenni li dawn ir-regolamenti ġodda sejrin iżommu l-prezzijiet tal-prodotti fil-livell veru tagħhom u jekk il-mara tad-dar ikun jinħtiġilha li tħallas xi ħaġa aktar meta prodott ikun skars, hija biss għandha tgawdi l-vantaġġ tar-roħs fil-prezzijiet meta l-prodotti tal-biedja jkunu abbundanti.**

Il-bidwi ġie mogħti tiegħu, il-konsumatur iħallas skond kemm huwa xieraq u l-bejjiegħ tal-ħaxix ikollu l-qligħ li ħaqqu. Jekk nimxu onestament nirnexxu żgur u kulħadd jaqla' l-ħobża ta' ħidmitu. **Min jipprova jqarraq u jinqabad hemm multi u ħabs biex irażżnu lir-rgħiba.**

## Il-Produzzjoni ta' l-Għammieri—1947-48

**MINBARRA s-servizzi li ġew mogħtija mid-Dipartiment tal-Biedja lil dawk li kienu jinħtieġuhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-trobbija ta' tjur skond is-sengħa; tilqim kontra l-mard; spezzjonijiet ta' raba', ġonna, siġar; tqassim ta' żrieragħ, xtieli, żraġen, siġar tal-frott u pjanti ornamentali minn l-għammieri, fost għadd kbir ta' ħwejjeġ oħra iżgħar, ħadna wkoll din il-produzzjoni mill-Qasam tal-Għammieri :—**

Majjal — 10,500 ratal.
Bajd: Tat-tiġieġ — 108,695.
tad-Dundjani — 2,332.
tal-Papri — 931.
Ħalib: tal-baqra — 597 galluni.
tal-mogħża — 1,251 galluni.
Uċuħ:—
Basal — 2,149 rtal.
Fażola — 12,146 rtal.
Qara' aħmar — 2,842 rtal.
Patata — 47,178 rtal.
Artiċoks — 15,486 rtal.
Pastard — 36,434 rtal.
Nifel — 242,409 rtal.
Qara' bagħli — 2,249 rtal.
Ġdur — 10,866 rtal.
Pitravi — 5,903 rtal.
Karrotti — 2,157 rtal.
Spinaċi — 1,503 rtal.
Piżelli — 1,367 rtal.
Silla — 2,174 qatet.
Qamħ — 6,800 rtal.
Xgħir — 3,680 rtal.
Gulbiena — 1,269 rtal.
Tadam — 15,322 rtal.

Ġew imgħammra għadd kbir ta' Fniek mir-razez Flemish Giants li għandu l-Gvern u li s-servizzi tagħhom jingħataw mingħajr l-ebda ħlas.

Malli din is-sena beda l-istagħun tat-tfaqqis, fil-qasam ta' Wied Inċita ġew imfaqqsa 1,300 fellus u bħa lissa l-inkubaturi kbar li hemm f'dan il-qasam jinsabu mgħammra b'2,100 bajda li minn mument għal ieħor huwa mistenni li jitbiddlu fi flieles oħra.

Il-Gvern qiegħed jagħmel ħiltu kollha sabiex iżid il-għadd ta' tjur li hawn fil-Gżejjer biex ipatti għall-imwiet li saru ħtija tal-mard u biex jara żieda sewwa fil-produzzjoni tal-bajd.

# L-Egħġubijiet tad-Dawl

(K. Vella Haber)

**L-EGĦĠUBIJIET tad-dawl mal-pjanti huma kbar u mostura daqs kull wieħed mill-egħġubijiet imwettqa mill-għaref Salamun. Id-dawl jagħġen is-sustanza kollha kemm hija tal-pjanti u b'hekk kull pjanta tieħu s-saħħa, il-qawwa, l-għamla u l-irqaqat kollha ta' suritha mill-għamla u l-qawwa tad-dawl li taħkem fuqha. L-istess kuluri u dellijiet tagħhom fuq il-pjanti u l-weraq jiddpjanti huma kbar u mistura daqs l-fjuri fis-sajf.**

Dak li aktar igħaġġeb huwa li mhux talli d-dawl għandu setgħa mill-akbar fit-tiswir tal-pjanti li jkunu minn wiċċ l-art 'il fuq, imma talli mid-dawl jinħakmu wkoll it-taqsimiet kollha tal-pjanti li jinsabu taħt wiċċ l-art.

Sabiex niġu għall-prattika nieħdu l-eżempju ta' l-artiċoks, il-patata u dawk il-pjanti l-oħra li bħalhom jipproduċu l-frott taħt l-art—dawn il-pjanti ma jipproduċux il-frott tagħhom ta' taħt l-art ħlief meta, biex ingħid hekk, jingħataw permess mid-dawl. Tant huwa hekk li dawn il-pjanti jipproduċu l-frott tagħhom fl-istaġun meta d-dawl ikun batut, il-ġurnata qasira u l-lejl twil.

Tant huwa minnu dan, illi li kieku kienet ħaġa li tista' tkun prattika li wieħed inaqqas il-jum u jtawwal il-lejl, qabel żmienhom, kien ikun jista' jieħu, ngħidu aħna, l-artiċoks qabel l-istaġun tiegħu; jiġifieri dana jista' jsir li kieku l-pjanta tiġi mgħottija mid-dawl għal perijodu qasir ma' tul il-jum.

Il-pjanti jobdu n-nuqqas tad-dawl billi jipproduċu l-fjuri fil-beraħ u l-frott taħt l-art. Id-Dalja, fost pjanti oħra, ma' tul il-jiem twal tas-sajf la tipproduċi fjuri u lanqas basal, iżda malli d-dawl jonqosha, jiġifieri malli jaslu l-jiem qosra u l-iljieli twal, id-dalja tipproduċi l-fjuri kif ukoll il-basal.

Biex aktar naraw l-għeġubijiet tad-dawl, inkomplu fuq il-pjanta tad-dalja. Jista' wieħed iġiegħel lid-dalja ma tagħmel l-ebda fjuri fil-ħarifa billi jħawwilha f'qasrija, iqiegħda fil-kamra msaqqfa bil-ħġieġ u jixgħel fuqha sitt siegħat dawl elettriku kuljum barra mix-xemx li tilħaqha ma 'tul il-jum. Jekk isir dan, id-dalja ma tagħtix fjur wieħed ma' tul ħarifa sħiħa. Din il-proċedura tista' ssir bil-maqlub u b'hekk id-dalja tipproduċi l-fjuri fis-sajf.

Ma għandniex x'ingħidu, dawn l-affarijiet ma jsirux ħlief bħala esperimenti, iżda l-fatt huwa dejjem li dawn l-esperimenti juru ċar biżżejjed l-egħġubijiet tad-dawl fuq ir-renju veġetali.

Minn dan li fissirna jidher ċar kemm hija kbira l-qawwa u s-setgħa tad-dawl fuq il-pjanti. Kif isiru dawn l-egħġubijiet tad-dawl hija ħaġa li għadha ma ġietx mikxufa minn l-ebda studjuż, iżda jekk qatt jirnexxielna nsiru nafu sewwa kif isiru dawn l-egħġubijiet tad-dawl mal-pjanti, nintebħu kemm ikunu sempliċi u kemm huwa kbir il-Ħalieq fis-sempliċità tiegħu.

## BEXXU L-PATATA

*Bixxu l-uċuħ tal-patata bla ebda dewmien u bixxuha filgħodu kmieni.*

*Ftakru li għandkom terġgħu tbixxuha mill-ġdid jekk tkun għamlet xita qawwija billi x-xita ġġorr magħha l-mistura li tkun ġiet imbexxa.*

*La tinsewx li ma huwiex biżżejjed li tbixx darba waħda biss.*

*Bixxu l-uċuħ tal-patata mill-inqas tliet darbiet skond it-temp u f'intervalli ta' bejn 15 u 21 ġurnata jekk tridu li teħilsu għal kollox l-uċuħ tal-patata mill-mard.*

## PATATA TA' L-IKEL

Skond tagħrifa li ħareġ il-Ministru ta' l-Industrija, qegħdin jinħarġu permessi biex tinġieb patata ta' l-ikel minn barra bil-kondizzjoni li din il-patata trid tasal hawn Malta fil-15 ta' Frar 1949, jew wara.

Il-bdiewa li għandhom xi patata maħżuna jaqblilhom iressquha fis-suq, fl-interess tagħhom stess u tal-konsumaturi.

# Flieles Jinġarru Bl-Ajru

IL-GVERN tan-Nigeria qata' illi jkabbar it-trobbija tat-tjur mill-aktar li jista' u għal dan il-għan uffiċjali mqabbdin mill-Gvern qegħdin jixtru flieles ta' l-aħjar razez u jġorruhom għal pajjiżhom bl-ajru.

L-Ewropej u l-Afrikani qegħdin jintebħu illi l-Afrika tal-Punent sejra tiftaħ triq ġdida għat-trobbija tat-tjur. It-trasport bl-ajru sejjer ikun il-mezz biex dan ikun jista' jsir.

L-ewwel esperiment għall-ġarr tal-flieles bl-ajru sar mill-Gvern tan-Nigerja sena ilu, meta l-Gvern xtara partita ta' 300 fellus ta' ġurnata. 85 fil-mija minn dawn il-flieles ġew imrobbija u issa fil-qasam li għandu l-Gvern tan-Nigeria qegħdin jiġu mfaqqsa u mkabbra flieles li ġew imnissla mir-razez li kienu importati.

Il-Gvern tal-Gold Coast tħajjar mill-esperiment li għamel il-Gvern tan-Nigeria u beħsiebu jimporta l-ewwel 200 fellus għar-rebbiegħa li ġejja.

Il-ħsieb ta' dawn iż-żewġ Gvernijiet huwa dak li jxerrdu kemm jistgħu mit-tjur li jiġu mnissla mal-pajjiż kollu.

Malta ma tinsabx lura f'din il-ħidma ta' ġarr ta' tjur u flieles bl-ajru. Ninsabu mgħarrfin illi għal ma' tul Frar hemm ordnati u sejrin jaslu madwar 3,000 fellus ta' ġurnata li sejrin ikunu mqassmin f'erba' razez: White Leghorns, Rhode Island, Light Sussex, Brown Leghorns.



**Tiġieġa tal-Kina sewda, li waslet bl-ajru mill-Ingilterra.**

# EMMEN JEKK TRID:

## TIĠIEĠA TBID FELLUS ĦAJ!

DAN l-aħħar fl-Ingilterra nstab li tiġieġa kienet qiegħda tbid bajd li jkun fih fellus fil-bidu ta' l-iżvilupp tiegħu. Iżda din li ġejja hija aqwa! Lucius Apuleius, kittieb Ruman, kiteb bil-Latin illi:— "Meta dħalna fid-dar tar-raġel onest, dana laqa' lis-sinjur tiegħu b'merħba kbira u meta konna qegħdin nieklu flimkien bħala ħbiberija kbira ġara każ stramb u tal-biża'. Tfaċċat tiġieġa fil-bitħa tqaqi kemm tiflaħ donnha biedet xi bajda. Ir-raġel onest meta raha qalilha: Ja tiġieġa twajba u ta' profitt li titmagħni kuljum bil-frott tiegħek, donnok il-lum trid tagħtina xi ħaġa għall-ikla tagħna; qegħdulha l-kaxxa tal-magħqad fir-rokna sabiex tbid fiha. Il-magħqad ġie mqiegħed fir-rokna kif għamar ir-raġel onest iżda t-tiġieġa, mingħajr ma tat każ tal-magħqad, resqet ħdejn is-sid tagħha u maġenb riġlejh ma bieditx bajda, kif kulħadd jaf li jagħmlu t-tiġieġ, iżda biedet fellus ħaj, bir-rix, bid-difrejn u bl-għajnejn, fellus ħaj u ma jonqsu xejn li beda jiġġerra jpespes wara ommu.

# IL-BEJGĦ TAL-PRODOTTI

**(SILTIET mir-REGOLAMENTI tal-1949)**

Ir-Regolament Nru. 7 dwar il-għażla tal-prodotti jgħid hekk: **"Ebda bidwi ma għandu jikkunsinna għall-bejgħ f'pitkalija prodotti tal-biedja f'dugħ ħlief jekk il-prodotti li jidhru fil-wiċċ ta' dan id-dugħ ikunu kampjun tajjeb ta' kull ma jinsab fid-dugħ."**

Ir-Regolament Nru. 10 (e) dwar il-bejjiegħa tal-ħaxix igħid dan li ġej:— **"Ebda bejjiegħ tal-ħaxix ma għandu f'ġurnata waħda jbiegħ, jipprova jbiegħ jew iqiegħed għall-bejgħ, jew jixtri jew jikseb xorta oħra prodotti tal-biedja ta' l-istess xorta bi prezzijiet differenti. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, varjetajiet differenti ta' l-istess xorta ta' prodotti tal-biedja għandhom jitqiesu li huma xorta waħda."**

